A.L. 287 ta' l-2010

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GHAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Promozzjoni ta' *Timeshare* u Prodotti bħal *Timeshare* (Liċenzjar ta' Rappreżentanti OPC)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, hawn iżjed 'l isfel imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru, bir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Promozzjoni ta' *Timeshare* u Prodotti bħal *Timeshare* (Liċenzjar ta' Rappreżentanti OPC).

Skop.

2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jipprovdi għall-ħruġ ta' liċenzi ta' rappreżentanti OPC u biex jirregola l-imġieba ta' dawk il-persuni meta dawn ikunu qed jagħmlu kuntatt ta' promozzjoni barra ma' xerrejja prospettivi bħala parti minn kampanja fis-suq sabiex joffru proprjeta' fuq bażi ta' *timeshare* jew arranġamenti ekwivalenti oħra.

Tifsira.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

"l-Awtorita" tfisser l-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta;

"bejgħ ta' prodotti *timeshare* jew bħal *timeshare*" tinkludi kemm ir-reklamar kemm l-aspetti tal-bejgħ ta' kuntratt li jjirrigwarda d-drittijiet intermittenti ta' okkupazzjoni għall-akkomodazzjoni ta' vaganza, u għandu

jinkludi, imma ma jkunx limitat għal, l-avviċinament ta' xerrejja prospettivi għal dak il-għan;

"dokument ta' identita" tfisser id-dokument ta' identita li jinħarreġ mill-Awtorita skond ir-regolament 6;

"garanzija" tfisser l-ammont depożitat minn kumpannija ta' reklamar sabiex tkopri l-multi imposti mill-Awtorita għall-ksur tar-regolamenti mill-kumpannija ta' reklamar li tiddepożita l-garanzija u mill-OPC tal-kumpannija;

"kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ" tfisser persuna fiżika jew legali li jkun ir-resort operattiv jew club innifsu, jew xi aġenti li jippromwovu jew rappreżentanti li attivament jirreklamaw, jippromwovu t-*timeshare* u prodotti bħal *timeshare* ta' l-istess resort jew club permezz ta' sistema off-premises;

"prodotti bhal *timeshare*" tfisser kull ftehim ta' kull tul ta' żmien li jinkludi elementi ta' *timeshare*, u għandu jinkludi wkoll, imma m'għandhiex tkun limitata għal, kuntratt ta' tul ta' aktar minn sena li fih il-konsumatur, għal ħlas, jakkwista primarjament d-dritt li jieħu skontijiet jew benefiċċji oħra fir-rigward ta' l-akkomodazzjoni, kemm waħdu kemm flimkien ma' vjaġġ jew servizzi oħra.

"rappreżentanti OPC" tfisser individwu li jkun impjegat jew xort' oħra mqabbad mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ biex jaġixxi bħala rappreżentant tagħha fl-għemil ta' kuntatti promozzjonali barra bħala parti minn kampanja ta' komunikazzjonijiet biex jattira xerrejja prospettivi;

"*resort* operattiv" tfisser lukanda li jkollha liċenza taħt l-Att li jopera partijiet minnu b'*timeshare* jew jopera bi prodotti oħrajn bħal *timeshare* u li hu rikonoxxut hekk mill-Awtorita;

"sistema *off-premises*" tfisser ir-reklamar u l-promozzjoni ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare* f'postijiet pubbliċi;

(2) Kliem u frażijiet oħra għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik lilhom mogħtija bl-Att u bir-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' *Time Sharing* fi Proprjeta' Immobbli.

A.L. 269 ta' l-2000.

Liċenza ta' rappreżentanti OPC.

4. (1) (a) L-ebda kumpannija ta' promozzjoni ghall-bejgħ m'għandha timpjega jew b'xi mod tqabbad persuna li għandha toffri jew tippromwovi *timeshare* jew prodotti bħal *timeshare* jew taġixxi bħala bejjiegħ jew taqdi dmirijiet li normalment ikunu magħmula minn rappreżentant OPC sakemm dik il-persuna ma jkollhiex liċenza valida maħruġa mill-Awtorita taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda illi dik il-liċenza mhiex meħtieġa meta l-persuna li tkun qegħda toffri jew tippromwovi *timeshare* jew prodotti bħal *timeshare* jew li tkun qegħda taġixxi ta' bejjiegħ jew taqdi d-dmirijiet li normalment ikunu magħmulin minn rappreżentant OPC, tkun qegħda taqdi dmirijietha minn postijiet li jkollhom liċenza biex jintużaw għal skopijiet kummerċjail bil-kunsens tad-detentur tal-liċenzja ta' l-istess post.

(b) L-Awtorità tista toħroġ dak l-għadd ta' liċenzi li ma għandux jeċċedi dak l-għadd ta' liċenzji li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stabbilit minnha skond ma jkun adatt u proporzjonat mal-inventarju ta' *timeshare* u prodotti ta' *timeshare* li kumpannija ta' promozzjoni ghall-bejgħ tkun qed tippromovi u fil-qjies tal-linji gwida tat-turiżmu f'dak iż-żmien.

(2) Applikazzjoni għal liċenza biex persuna taghmilha ta' rappreżentant OPC għandha tiġi ippreżentata mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li tkun ser timpjega jew b'mod iehor tqabbad lir-rappreżentant OPC, fil-forma stabbilita mill-Awtorita għall-iskop u għandu jkollha magħha dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li jkunu meħtieġa mill-Awtorita, inklużi:

(a) ċertifikat tal-kondotta tal-pulizija riċenti li jkun juri li l-persuna tkun ta' mġieba tajba, jew kull prova oħra jew attestazzjoni ta' karattru tajjeb u mġieba tajba ta' l-applikant li jkunu ir-rappreżentant OPC li tista' tkun fil-forma ta' attestazzjoni magħmula mill-kumpannija ta' promozzjoni ghall-bejgħ li tkun ser timpjega jew b'xi mod ieħor tqabbad l-applikant li jkun ir-rappreżentant OPC;

(b) ċertifikat jew verifika magħmulin mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li tkun ser timpjega jew b'xi mod ieħor tqabbad lir-rapprezentant OPC, li jiċċertifika illi l-persuna tkun kompetenti li taġixxi bħala rapprezentant OPC u li l-istess persuna jkollha livell ta' edukazzjoni aċċettabbli;

(ċ) ċertifikat jew attestazzjoni ta' informazzjoni akkwiżita wara t-taħriġ neċessarju ta' mhux inqas minn għaxar siegħat fil-qadi ta' dmirijiet li normalment isiru minn rappreżentant OPC b'mod etiku u bir-rispett lejn il-konsumaturi potenzjali ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare*; u fil-qafas regolatorju li jmexxi din l-attività, inklużi dawn ir-regolamenti u kull liġi oħra, partikolarment dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tal-konsumatur b'mod ġenerali u hekk kif jista' jkun speċifiku għall-promozzjoni u l-bejgħ ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare*; u

(d) dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata mill-applikant li jkun ir-rappreżentant OPC li jintrabat li jaqdi dmirijietu b'mod tajjeb u etiku, li jimxi skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi oħra, partikolarment dawk li jikkonċernaw id-drittjijiet tal-konsumatur b'mod ġenerali u kif jista jiġi speċifikat għall-promozzjoni u bejgħ ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare*; li jimxi skond il-kundizzjonijiet tal-liċenza u li jaċċetta l-multi u l-pieni mnizzla f'dawn ir-regolamenti:

Iżda meta l-Awtorità mhiex sodisfatta bl-informazzjoni jew bid- dokumentazzjoni provduta mill-applikant, hija jkollha d-dritt li titlob informazzjoni jew dokumentazzjoni addizzjonali u li tirrikorri għal sorsi ta' informazzjoni jew verifika ohra biex tikkonstata l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni preżentati mill-applikant.

(3) Meta applikant li jkun rappreżentant OPC ikun jeħtieġ permess tax-xogħol jew xi permess ieħor maħruġ minn jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, jew xi liġi oħra, l-ebda liċenza m'għandha tinħareġ qabel ma' jkunu inħarġu jew ġew approvati dak il-permess jew permessi.

(4) Meta liċenza tkun inħarġet lil rappreżentant OPC taħt dawn ir-regolamenti, dik il-liċenza għandha tinħareġ fuq il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li tkun ser timpjega jew b'xi mod tqabbad lir-rappreżentant OPC u l-liċenza hekk maħruġa għandha tkun valida biss għal dik il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ.

(5) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tirrifjuta li toħroġ liċenza jew li ġġedded liċenza meta d-dokumentazzjoni u l-attestazzjoni mniżżla fis-subregolament (2) mhumiex għas-sodisfazzjon taghha, jew meta l-applikant li jkun rappreżentant

OPC jew il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ tkun instabet ħatja ta' ksur ta' xi regolamenti maħruġin taħt l-Att jew il-kundizzjonijiet ta' xi liċenza maħruġa mill-Awtorità.

(6) Liċenza maħruġa taħt dan ir-regolament għandha tkun valida għal sena mid-data tal-ħrug tagħha. Applikazzjoni għat-tiġdid tagħha għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ mhux aktar tard minn xahar qabel ma tiskadi. Persuna li tonqos milli ġġedded il-liċenza kif hawn qabel imsemmi għandha titqies li tkun qegħda taġixxi mingħajr liċenza valida:

Iżda t-tiġdid ta' dik il-liċenza għandu jkun soġġett biss għal twettiq kontinwu tar-rekwiżiti rilevanti applikabbli li jkunu fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(7) Applikazzjonijiet għat-tiġdid ta' liċenza ta' rappreżentant OPC għandu jkollhom magħhom attestazzjoni bil-miktub iffirmata mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li tiċċertifika l-imġieba tar-rappreżentant OPC u l-konformità tiegħu mar-regoli u regolamenti kollha li jkunu japplikaw.

(8) L-Awtorità tista' tassoġġetta liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għal dawk il-kundizzjonijiet li tista tqis li jkunu adatti, neċessarji u proporzjonati inklużi kundizzjonijiet relatati ma' l-ilbies tajjeb li rappreżentanti OPC li jkollhom liċenza jistgħu jilbsu waqt li jwettqu l-funzjonijiet u l-attivitajiet li jaqgħu taħt dan il-liċenza.

Klawsola ta' reviżjoni.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista', b'konsultazzjoni mal-Ministru, u wara li tagħti minn qabel avviż ġustifikat u motivat lid-detenturi tal-liċenza, tirrevedi u temenda l-linji gwida tagħha fir-rigward tal-metodi aċċettabbli u l-mezzi ta' promozzjoni ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare*; partikolarment il-promozzjoni, l-offerti u l-bejgħ f'attivitajiet normalment imwettqa minn rappreżentant OPC u tirrevoka l-liċenzi ta' dak ir-rappreżentanti OPC jew ma ġġeddidhomx.

Dokument ta' identità.

6. (1) L-Awtorità għandha toħroġ dokument ta' identità lil kull rappreżentant OPC li jkollu liċenza taħt dawn ir-regolamenti. Id-dokument ta' identità għandu jkun fih ritratt tar-rappreżentant OPC u kull informazzjoni oħra simili skond ma' l-Awtorità tista' tqis li jkun adatt.

(2) Id-dokument ta' identità għandu jibqa' propjeta ta' l-Awtortità u għandu jingħata lura lill-Awtorità meta din titolbu lura, jew meta tiġi sospiża jew revokata l-liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Rappreżentant OPC għandu jilbes id-dokument ta' identità b'mod li jidher ċar filwaqt li jkun qed iwettaq xi dmir jew funzjoni li tkun soġġetta għal dawn ir-regolamenti. Jekk xi ħadd jonqos milli jilbes id-dokument ta' identità skond id-dispożizzjoniet ta' dawn ir-regolamenti, dan jikkostitwixxi reat.

(4) Kull min jagħmel użu minn dokument ta' identità maħruġ lil xi persuna oħra, jew minn xi dokument falz, jew minn xi dokument ta' identità li b'xi mod ikun ġie mbaghbas, jew min jonqos milli jirritorna d-dokument ta' identità meta jintalab jagħmel dan mill-Awtorita, ikun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Rappreżentanti OPC u kumpanniji ta' promozzjoni għall-bejgħ ta' *timeshare*.

7. (1) (a) L-ebda persuna m'għandha topera jew tipprovdi servizzi ta' kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare* sakemm dik il-persuna ma tkunx applikat minn qabel għal u kisbet liċenza għal dak l-iskop maħruġa mill-Awtorità. Liċenza bħal dik għandha tibqa' valida sal-wieħed u tletin ta' Diċembru li jkun imiss wara d-data tal-ħruġ u tista tiġi mġedda minn sena għal sena jew għal aktar perjodi, hekk kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità:

Iżda t-tiġdid ta' dik il-liċenza tkun biss soġġetta għat-twettiq kontinwu tar-rekwiżiti rilevanti applikabbli u l-linji gwida tat-turiżmu li jkunu fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(b) L-applikazzjonijet kollha għall-ħruġ ta' liċenzi lil kumpanniji ta' promozzjoni għall-bejgħ biex iqegħdu fis-suq u jippromwovu *timeshare* u prodotti bħal *timeshare* għandhom jiġu ppreżentati quddiem l-Awtorità fil-forma stabbilita għal dak l-iskop.

(ċ) L-Awtorità għandha toħroġ kull liċenza bħal dik jekk tkun sodisfatta li l-persuna li tapplika biex topera u tipprovdi s-servizzi ta' kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ ta' *timeshare* u prodotti bħal *timeshare*, tkun ippreżentat l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kif mitluba tagħmel mill-Awtorità. Dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni jinkludu:

(i) prova ta' l-identità, post ta' residenza, dettalji tal-persuna u l-i*status* legali ta' l-applikant;

(ii) in-numru ta' registrazzjoni u l-istatut meta l-applikant huwa korp ġuridiku;

(iii) referenza ta' karattru tajjeb u ċertifikat ta' kondotta tajba ta' l-applikant meta l-applikant ikun korp ġuridiku, ir-referenza tal-karattru jew ċertifikat ta' kondotta tajba għandhom ikunu tal-persuna jew persuni li għandhom ir-rappreżentanza ġuridika tal-kumpannija;

(iv) inventarju b'lista totali ta' *timeshare units* jew prodotti bħal *timeshare* li jkunu ser jiġu mqegħda fis-suq mill-applikant f'Malta; inklużi l-aspetti prinċipali tal-proprjeta' immobbli jew servizzi anċillari;

(v) dikjarazzjoni minn trustee li jikkonferma l-lista ta' l-inventarju imsemmi fis-subparagrafu (iv);

(vi) prova ta' l-identità, dettalji tal-persuna, status legali, post ta' residenza jew post ta' l-inkorporazzjoni kif dawn japplikaw, u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-*trustee* li jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fis-subparagrafu (v).

(2) (a) Il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ m'għandhiex tqiegħed fis-suq u tippromwovi resort operattiv għal *timeshare* u ghal skopijiet bħal *timeshare* permezz tas-sistema off-premises kemm-il darba xi rappreżentant OPC li jkun qed jaqdi dawn l-attivitajiet ma jkollux liċenza mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti.

(b) il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li qed tqiegħed fis-suq u tippromwovi resort operattiv għal *timeshare* jew skopijiet bħal *timeshare* permezz tas-sistema *off-premises* għandha tapplika għand l-Awtorità għal kull resort li hija tippromwovi:

(ċ) Il-kumpannija li tippromwovi l-bejgħ tinżamm responsabbli mill-Awtorità għar-rappreżentanti OPC tagħha, kemm jekk dawn huma imqabbda fuq bażi full-time jew part-time jew fuq xi bażi kontrattwali oħra jew pattijiet ta' ingaġġ, sabiex jikkonformaw ruħhom kompletament mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ma' kull liġi oħra applikabbli u mal-kundizzjonijiet tal-liċenza tagħhom.

(d) Il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ għandha tiddepożita garanzija favur l-Awtorità, f'bank u 'kont

indikat mill-Awtorità, fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) għal kull rappreżentant OPC li timpjega jew b'kull mod tħaddem.

(3) Kull rapprezentant OPC li jkollu liċenza mill-Awtorita għandu:

(a) juri b'mod prominenti d-dokument ta' identità maħruġ lilu mill-Awtorità, liema dokument ta' identità għandu jkollu kulur differenti minn dawk ta' kumpanniji ta' promozzjoni għall-bejgħ u għandu juri l-isem tar-rappreżentant OPC u l-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ b'ittri kbar u ċari;

(b) jekk ikun qiegħed juża karozza –

(i) għall-aħħar ħamsa u għoxrin metru, jersaq fuq it-turist u l-pubbliku bil-mixi;

(ii) jobdi strettament il-kodiċi ta' kondotta tas-sewqan;

(iii) ma jersaqx u ma jikkuntattjax turist waqt li jkun qiegħed fil-karozza;

(iv) ma jużax OPC ieħor bħala sewwieq imma għandu jiżgura li dak is-sewwieq, jekk jintuża, jistennih fil-karozza;

(ċ) ma jagħmilx l-attivitajiet tiegħu fil-kumpannija ta' aktar minn OPC ieħor fl-istess post;

(d) ma jagħmilx l-attivitajiet tiegħu, f'distanza ta' ħamsin metru bogħod minn OPC ieħor li jkun qed iqiegħed fis-suq l-istess resort;

(e) juri rispett lejn OPCs oħra, kemm jekk dawn ikunu imqabbda mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li jirrapreżenta kemm jekk ikunu mqabbda minn kumpannija oħra ta' promozzjoni għall-bejgħ; huwa għandu aktar minn hekk fl-ebda ħin ma jargumenta, jgħajjat jew jaqbad xi argument ma' OPC ieħor;

(f) jirrispetta l-privatezza tat-turisti u r-responsabbilta' ta' l-uffiċjail ta' l-Awtorità fil-qadi ta' dmirijiethom u

m'għandux, bl-ebda mod jikkawża problemi emottivi u ta' inkwiet lil xi persuna bi kliem jew abbuż fiżiku jew forza;

(ġ) ma jitlajjax f'inqas min distanza ta' għoxrin metru minn xi stabbiliment kummerċjali u m'għandux jaqdi l-attivitajiet tiegħu ġewwa xi stabbiliment kummerċjali sakemm ma jkunx hekk awtorizzat mid-detentur ta' licenza ta' dak l-istabbiliment;

(ħ) ma jinterpretax ħażin, b'ebda mod, ir-resort operattiv u l-prodott li jkun qed iqiegħed fis-suq u għandu jipprovdi informazzjoni vera u ġenwina fuq dak ir-resort u fuq il-prodott lit-turist li jkun qed jikkomunika miegħu; u

(i) ikun liebes sewwa f'kull ħin.

(4) (a) Detentur ta' licenza ta' kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ li tuża s-servizzi tar-rappreżentanti OPC li ma jkollhomx liċenza mill-Awtorità għandha tkun obbligata tħallas penali ta' elfejn u tlett mitt euro (€ 2,300), u jista jkollu l-ogħla numru ta' permessi tiegħu għal rappreżentanti OPC imnaqqas bi tnejn għal perjodu ta' tnax-il xahar mill-ġurnata li l-penali tkun ġiet imposta mill-Awtortità.

(b) Liċenza ta' kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ u li tippromwovi resort operattiv għandha tkun sospiża mill-Awtorità jekk, fi żmien sebat ijiem mill-ordni ta' l-Awtorità biex tnaqqas ir-rappreżentanti OPC tagħha bi tnejn skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament, tonqos milli tobdi dik l-ordni.

(ċ) Liċenza ta' kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ biex tqiegħed fis-suq u tippromwovi resort operattiv għandha tiġi sospiża għal sena mill-Awtortità, u l-liċenzi ta' l-OPC imqabbda mill-istess kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ għandhom jiġu irtirati immedjatament, jekk l-Awtorità ssib li d-detentur ta' liċenza ta' kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ biex tqiegħed fis-suq u tippromwovi resort operattiv ikun qed jippermetti persuna li taġixxi bħala OPC meta l-liċenza ta' l-istess OPC hija sospiża mill-Awtorità;

(d) L-Awtorità għandha timponi multi għall-ksur tar-regolamenti mill-OPC's kif indikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(5) L-Awtorità għandha:

(a) immedjatament tissospendi l-liċenza ta' l-OPC, u dak l-OPC m'għandux ikollu liċenzi sussegwenti maħruġa għal perjodu ta' erbgha u għoxrin xahar wara dik is-sospensjoni jekk l-OPC ikun misjub li jkun baghbas id-dokument ta'identita maħruga mill-Awtorita f'ismu;

(b) immedjatament tirtira l-liċenza lil dak l-OPC misjub mill-Awtorità li jkun aġixxa mat-turisti jew ma' l-uffiċjali ta' l-Awtorità b'mod abbużżiv u skorrett jew li jkun aġixxa flimkien ma' OPCs mhux liċenzati;

(ċ) ma toħroġx liċenza lil persuna biex jaġixxi bħala OPC, jekk dik il-persuna kienet misjuba mill-Awtorità li qabel, kien aġixxa bħala OPC mingħajr liċenza għal dak l-iskop maħruġa mill-Awtorità;

(d) tissospendi l-liċenza ta' OPC għal perjodu ta' tnax-il xahar jekk dak l-OPC ikun misjub mill-Awtorità li jkun kiser dawn ir-regolamenti jew il-kundizzjonijiet tal-liċenza tiegħu għal tliet darbiet konsekuttivi matul l-aħħar erbgħa u għoxrin xahar.

(6) (a) Kull ammont irtirat mill-Awtorità mill-garanzija depożitata magħha mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ biex tkopri l-multi imposti skond dawn ir-regolamenti għandhom, fi żmien sebat ijiem mill-impożizzjoni tal-multa, jiġi mibdul mill-kumpannija ta' promozzjoni ghall-bejgħ bl-istess ammont irtirat mill-Awtorità sabiex il-garanzija depożitata għandha tkun il-ħin kollu ekwivalenti għall-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) għal kull OPC imqabbad mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ.

(b) Il-multi imposti mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti għandhom, wara avviż bil-miktub lill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ, ikunu irtirati mill-garanzija depożitata mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ ma' l-Awtorità sakemm il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ jew ir-rappreżentanti tagħha ma jipprovdux prova għas-sodosfazzjon ta' l-Awtorità, li l-ksur ma jkunx seħħ.

(ċ) Qabel tirtira l-ammonti mill-garanzija depożitata ma' l-Awtorità mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ biex tkopri l-multi, u qabel ma timponi multi fuq OPCs u kumpanniji ta' promozzjoni għall-bejgħ għal kull ksur ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma lill-kumpannija ta'

promozzjoni għall-bejgħ jew lil OPC, skond il-każ, bl-intenzjoni tagħha u għandha tagħti lill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ jew lil OPC l-opportunità li tressaq ilmenti.

(d) Jekk il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ jew OPC jħossuhom aggravati b'xi deċiżjoni ta' l-Awtorità, il-kumpannija li tippromovi bejgħ jew OPC jistgħu jressqu appell minn dik id-deċiżjoni skond id-dispożizzjonijiet tat-Tielet Skeda li tinstab ma' l-Att, wara li jithallas id-dritt imniżżel fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Drittijiet għat-Turiżmu. A. L. 125 ta' l-2002.

8. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull liġi oħra li tapplika u li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien, l-ebda rappreżentant OPC ma jista jaġixxi b'xi mod jew jagħmel ilmenti lil xerrej prospettiv li: Mġieba tar-rappreżentant OPC.

(a) tkun ta' tfixkil jew qarrieq, inkluż l-użu ta' rigali li jfixklu jew iqarrqu, skemi ta' għotjiet jew rigali b'xejn;

(b) jinvolvi nuqqas li jagħti informazzjoni li hija dovuta fiċ-ċirkostanzi jew li għandha tingħata minħabba l-obbligu legali; jew li jinvolvi l-forza, abbuż, sfurzar jew influwenza jew pressjoni żejda fuq ix-xerrej prospettiv.

(2) Persuna li tikser dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat.

9. Kull min jimpjega jew iqabbad b'xi mod is-servizzi ta' rappreżentant OPC li ma jkollux licenza ikun ħati ta' reat. Impjieg, eċċ ta' rappreżentant OPC.

10. (1) Meta l-Awtorita tkun sodisfatta li rappreżentant OPC ikun: Sospensjoni jew tħassir ta' liċenza.

(a) ġab ruħu b'mod mhux sew skond ma jixraq lid-dmirijiet u r-responsabiltajiet tiegħu;

(b) aġixxa bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi regolamenti oħra magħmula taħt dan l-Att, jew ikun naqas milli jagħmel xi ħaġa li hu mitlub li jagħmel skond l-Att jew b'dawn ir-regolamenti, jew aġixxa bi ksur ta' xi kundizzjonijiet annessi mal-liċenza tiegħu; jew

(ċ) instab ħati ta' reat taħt l-Att jew taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' xi reat ieħor li, fil-fehma ta' l–Awtorità,

jirrendih inkapaċi milli jkompli jagħmilha ta' rappreżentant OPC,

l-Awtorità tista' wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, tissospendi jew tirrevoka l-liċenza maħruġa lir-rappreżentant OPC.

(2) F'każ ta' xi sospensjoni, kif hemm imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, dik is-sospensjoni m'għandhiex teċċedi l-perjodu ta' ħames snin.

(3) Meta l-liċenza ta' rappreżentant OPC tkun ġiet sospiża jew revokata skond is-subregolament(1), ir-rappreżentant OPC m'għandux ikun eleġibbli għal liċenza qabel ma jgħaddi l-perjodu ta' dak it-tħassir jew revoka.

Ilmenti mill-applikant.

11. (1) Qabel tirrifjuta li tagħti jew li ġġedded liċenza jew qabel ma tissospendi jew thassar xi liċenza bħal dik skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinnotifika lill-applikant jew lid-detentur tal-liċenza, skond il-każ, bl-intenzjoni u r-raġunijiet tagħha, u għandha tagħtih l-opportunita li jressaq l-ilmenti tiegħu. Dawn l-ilmenti għandhom jaslu għand l-Awtorità mhux aktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rifjut ta' l-għoti jew tiġdid tal-liċenzja jew mit-tħassir ta' dik il-liċenza.

(2) Jekk l-applikant jew id-detentur tal-liċenza jħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni ta' l-Awtorità, taħt is-subregolament (1), huwa jista jappella minn dik id-deċiżjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 14(8) ta' l-Att, mal-ħlas tad-dritt stipulat fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Drittijiet għat-Turiżmu.

Servizzi provduti minn kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ u rappreżentanti OPC stabbiliti fi Stati Membri oħra fuq bażi temporanja u okkażjonali.

Kap. 500.

12. (1) L-Awtorità għandha tirrispetta d-dritt tal-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ u ta' rappreżentanti OPC impjegati jew imqabbda b'mod differenti mill-kumpannija li jkunu stabbilit legalment u li jipprovdu servizzi fi Stat Membri oħra biex jipprovdu servizzi f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali skond l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern:

Iżda minħabba l-kumplessità u r-riskji ekonomiċi li huma minnhom stess assoċjati ma' dawn l-attivitajiet li jistgħu jkunu ta' detriment għall-konsumatur ta' *timeshare* jew prodotti bħal *timeshare*, u sabiex tiġi effettivament implimentata l-liġi tal-komunità u tal-pajjiż f'dan il-qasam, din il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ, qabel ma tibda tipprovdi dan is-servizz temporanju u okkażjonali f'Malta, għandha tippreżenta lill-

Awtorità, fil-format stabbilit għal dak l-għan, id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) l-isem, post ta' residenza, dettalji tal-persuna, status legali u l-Istat Membru fejn il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ tkun stabbilita;

(b) lista tal-inventarju ta' *timeshare units* jew prodotti bħal *timeshare* li ser jiġu reklamati mill-applikant f'Malta; inklużi l-aspetti prinċipali tal-proprjeta immobbli jew tas-servizzi anċillari;

(ċ) dikjarazzjoni minn trustee li tikkonferma l-lista ta' l-inventarju imsemmi fil-paragrafu (b);

(d) l-identita, dettalji tal-persuna, *status* legali, post ta' residenza jew post ta' inkorporazzjoni skond ma japplikaw u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-trustee li jkun qed jagħmel id-dikjarazzjoni imsemmija fil-paragrafu (ċ)

(e) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' liġijiet oħra u regolamenti li jirrigwardjaw l-impiegi, l-identita tar-rappreżentant OPC impjegat jew imqabbad b'mod ieħor mill-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ biex jippromovi u jqiegħed fis-suq l-inventarju ta' *timeshare* jew prodotti bħal *timeshare* f'Malta, imsemmija fil-paragrafu (b) u riferenza jew prova tat-twaqqif legali tagħhom f'xi Stat Membru ieħor.

(2) Meta l-informazzjoni mitluba msemmija fis-subregolament (1) ta' dawn ir-regolamenti ikunu diġa ġew sodisfatti fl-Istat Membru ta' twaqqif, il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ jew xi rappreżentant OPC għandu jindika dan fil-formola imsemmija wkoll fis-subregolament (1) u l-Awtorità għandha tirriserva d-dritt li tivverifika din l-informazzjoni skond l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull liġi applikabbli oħra fis-seħħ f'dak iż-żmien, meta tipprovdi servizz f'Malta, il-kumpannija ta' promozzjoni għall-bejgħ u r-rappreżentanti OPC li timpjega jew imqabbdin b'mod ieħor, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tas-subregolamenti (4), (5) u (6) tar-regolament (7):

Iżda dawk ir-rappreżentanti OPC għandhom, meta jimxu mas-subregolament (4) tar-regolament 7, jilbsu d-dokument ta'

identità validu maħruġ lilhom mill-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru ta' twaqqif tagħhom.

Multi u penalitajiet.

13. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 11, kull persuna li tonqos milli tħares xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u, f'dak il-każ, japplikaw il-proċeduri u l-pieni stipulati fl-artikoli 43 u 45 ta' l-Att.

Revoka ta' l-A.L. 299 ta' l-2004.

14. (1) Ir-regolamenti ta' l-2004 dwar il-Promozzjoni tat-*Timeshare* u Prodotti li jixbħu t-*Timeshare* (Liċenzjar tar-Rappreżentanti OPC), qegħdin b'dawn jiġu revokati.

(2) Il-liċenzi maħruġin taħt ir-regolamenti revokati u li jkunu fis-seħħ immedjatament qabel din ir-revoka, għandhom, bla ħsara għat-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att u r-regolamenti magħmulin taħtu jibqgħu fis-seħħ sa dak iż-żmien wara sakemm jaslu biex jiġġeddu.

SKEDA

Regolament 7(5)(d)

Multi għal ksur tar-Regolamenti minn OPC's

1. Mhux liebes skond il-kodiċi ta' lbies approvat mill-Awtorità . . . . € 250

2. Mhux liebes id-dokument ta' Identità jew mhux liebes id-Dokument b'mod prominenti li jidher . . . . € 450

3. Misjub f'post fejn jifforma parti minn numru ikbar ta' OPCs preżenti f'post li mhux hekk awtorizzat mill-Awtorità . . . . . € 250

4. Jaqdi attivitajiet ta' OPC f'distanza mhux awtoriżżata mill-Awtorità . . . . . € 450

5. Għal rappreżentazzjoni ħażina ta' resort operattiv jew tal-prodott jew talli jipprovdi informazzjoni skoretta fuq ir-*resort* …… € 450

6. Użu ta' karozza b'mod li jikser dawn ir-regolamenti. €1,200

7. Argumenti, għajjat jew jaqbad xi argument ma' OPC . …… €1,200

8. Aġir abbużiv mat-turisti jew uffiċjali ta' l-Awtorità . . . . . € 2,300